**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 106**
**tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

*Kumpilazzjoni Nru:742/2012*

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**RUTH-MARY BALDACCHINO NEE' PENZA**
**(ID399772M)**

**Illum, 9 ta' Settembru, 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **Ruth-Mary Baldacchino nee' Penza** ta' 39 sena, bint Joseph Penza u Josephine Penza nee' Polidano, imwielda Attard fl-14 t' Awwissu, 1972, u detentrici tal-karta tal-identita' numru 399772(M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli nhar it-18 t' April, 2011 f'dawn il-gzejjer,

1. Hadet gurament falz fi proceduri ta’ natura civili, meta pprezentat rikors bil-gurament, mahluf fl-istess jum, fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), fl-atti tal-ittra 1295/10 AGR fl-ismijiet: **Ruth Baldacchino vs Michael Baldacchino**.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid immarkat bhala Dok. JG1 a fol. 6, Fedina Penali mmarkata bhala Dok. JG2 a fol. 7 u l-Kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Lulju, 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. JG3 li jinsab a fol. 8 tal-Process.

Rat ukoll li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat b’din il-procedura sommarja kif wiegbet waqt li l-ezami li sarilha nhar il-14 ta’ Novembru 2012 (fol. 9).

**Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim’Imhallef datat 21 ta’ April, 2014 u b’mod permanenti b’digriet tal-20 ta’ Novembru, 2014.**

Illi nhar l-14 ta’ Novembru, 2012 xehed l-**Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech** u esebixxa l-kwerela li kien ircieva. Dan id-dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok. GJ1. Esebixxa ukoll bhala Dok. GJ2 tahrika gdida datata

tnax (12) ta' Settembru, 2012. Zied jghid ukoll illi l-imputata giet notifikata b'din it-tieni tahrika u f'dan ir-rigward qed jipprezenta r-riferta bhala Dok. GJ3.

Illi nhar l-14 ta' Novembru, 2012 rega' xehed l-**Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech** u spjega li bejn April u Gunju, 2011 l-Ghassa tal-Belt kienu rcevew erba' (4) kwereli minghand Dr. Ruth Scott f'isem Michael Baldacchino, fejn fil-kwereli kollha kienet qed titlob lill-Pulizija jmexxu proceduri kriminali fil-konfront tal-imputata Ruth Baldacchino dwar allegat gurament falz li s-Sinjura Baldacchino hadet fi proceduri ta' natura civili fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Wahda partikulari minn dawn il-kwereli kienet tirreferi ghal rikors guramentat li pprezentat l-istess Dr. Ruth Scott nhar it-tmintax (18) ta' April, 2011 fl-ismijiet **Ruth Baldacchino kontra Michael Baldacchino** fejn bazikament f'dan ir-rikors l-avukat taghha Dr. Kenneth Grima f'isem l-imputata w minnha kkonfermat, jghid illi nhar l-erbatax (14) ta' April, 2011 ghall-habta tal-ghaxra (10:00) ta' filghaxija wara argument li nqala' d-dar bejnha u Michael Baldacchino, l-imputata allegat li r-ragel taghha Michael kien vjolenti w hebb ghaliha, w li in segwitu' hi harbet mid-dar bin-*night dress* u marret l-Ghassa ta' Hal Qormi biex tirraporta din l-aggressjoni. Tghid illi waslet l-Ghassa segwita mir-ragel u anke fl-Ghassa ried ihebb ghaliha, tant li kellha tistkenn wara l-*counter* tal-ufficcju tal-Ghassa biex ma tigix imsawwta. Kompliet tghid illi kemm fil-prezenza tal-Pulizija, wahda minnhom Pulizija mara, kif ukoll fil-prezenza ta' huha Elton Penza gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi, Michael qajjem

pandemonju w ghajat u theddid, tant li kellu jigi mizmum fizikament mill-Pulizija biex ma jerfax idejh kemm fuq huha kif ukoll fuqha. Fil-fatt tghid ukoll li dakinhar gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi kien hemm tlieta (3) Pulizija xoghol u mhux erbgha (4), w dawn kienu PS 191 Luke Bugeja Persiano, PC 244 Steve Farrugia u WPC 319 Anna Maria Scerri. Ix-xhud jghid li huwa kien kellem lit-tliet (3) ufficcjali u rrizulta illi fil-fatt meta dahlet l-Ghassa l-imputata kien hemm biss WPC 319 ghax is-Surgent PS 191 u PC 244 kienu barra fuq xoghol. Kompla li malli WPC319 rat lill-imputata agitata w lil Michael Baldacchino diehel warajha, qalet lill-imputata tidhol wara l-bank tal-Ghassa u qalet lil Michael Badacchino jistenna fil-*waiting area* sakemm iccempel lis-Surgent, biex tevita li jinqalghu argumenti gol-Ghassa.

WPC 319 ikkonfermat mieghu li fl-ebda hin ma argumentaw bejniethom gewwa l-Ghassa u s-sitwazzjoni kienet kwieta sakemm WPC 319 kienet wehidha qabel gew s-Surgent u l-Kuntistabbli. Irrizulta ukoll mill-verzjoni li tawh il-Pulizija illi ma kienx Michael Baldacchino li pprova jhebb ghall-imputata Ruth Baldachino gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi, izda meta s-Surgent wasal l-Ghassa w kien qed jiehu l-verzjoni ta' Michael fil-*waiting area,* dahal missier l-imputata Joseph Penza w fost hafna ghajat u storbju beda jistaqsiha jekk Michael kienx refa' jdejh fuqha. Il-Pulizija qalulu wkoll li kien missier l-imputata li kien agressiv tant li kellhom jaghtuh ordnijiet legittimi biex izomm il-kwiet u l-paci pubblika u minhabba li baqa' jghajjat u anke kif kiteb is-Surgent 191 fl-

affidavit tieghu li gie pprezentat fis-seduta tad-Distrett ta' Hal Qormi 'qala' pandemonju shih', kellhom sahansitra jinfurmawh bl-arrest tieghu. Ried pero' jiccara li missier l-imputata u mhux Michael Baldacchino ghamel dan kollu.

Zied li wara li rrizultalu li fil-fatt kien hemm diskrepanza kbira bejn dak li allegat l-imputata fir-rikors guramentat, wiehed minn hafna, ghal dak li effettivament gara gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi, ghax mill-investigazzjoni rrizulta illi zewgha Michael Baldacchino lanqas biss tniffes u dak li ghamel missier l-imputata fl-Ghassa hi ppruvat titfghu fuq zewgha nhar it-tlettax (13) ta' Lulju, 2012. Qal ukoll li cemplilha biex jiffissa appuntament maghha biex tmur halli jkellimha, spjegalha fuq it-*telephone* li ried ikellimha dwar kwerela li ghamel ir-ragel taghha dwar allegat gurament falz, iffissaw appuntament ghall-erbatax (14) ta' Lulju, 2012 bejn il-hdax u nofs (11:30) u nofsinhar (12:00), kumdita' taghha ghax qaltlu li r-ragel kellu jigbor it-tifel fl-ghaxra (10:00) u dak il-hin tkun tista' tmur.

L-ghada erbatax (14) ta' Lulju 2012 l-imputata ma marritx u ghall-habta tas-siegha neqsin kwart (12:45) hu cemplilha. Dak il-hin qaltlu illi ma marritx ghax thossha ftit ma tiflahx u huwa ghamilielha cara li huwa xtaq ikellimha biss sabiex jekk ghandha xi kliem x'ticcara w tixtieq tispjega ruhha qabel johrog l-akkuzi kellha dritt taghmel dan, pero' ma kienx ha joqghod jipposponi minn appuntament ghall-iehor ghall-

kumdita’ taghha biex imbaghad ma tmurx. Staqsietu meta l-ahjar li tmur, staqsietu dakinhar sa x’hin kien ha jahdem, qalilha sal-hamsa (5:00) u ghall-habta tas-saghtejn u nofs (2:30) marret id-Depot.

Kien gie nfurmat li marret ma’ huha Elton Penza, izda zied li hu lil dan ma kellux ghalfejn ikellmu w lanqas kellu bzonnu prezenti fl-ufficcju sakemm ikellem lill-imputata. Telghu sal-ufficcju tieghu flimkien fejn laqaghhom il-Pulizija tieghu fejn baqghu jinsistu li fl-ufficcju jridu jidhlu t-tnejn flimkien. Il-Pulizija tieghu spjegalha illi lil huha ma kellhomx bzonnu l-ufficcju, ma kellhomx bzonn ikellmuh u riedu jkellmu lilha biss u hi ddecidiet illi ma riditx titkellem jekk mhux fil-prezenza ta’ huha w setghu jimxu b’dak li ghandhom. Huwa ghalhekk ma kellux ghalfejn jahli iktar hin, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar dik li jiehdu huma hija stqarrija volontarja, w allura huwa mexa bic-*charges* tal-kwerela kif indikat. Huwa pprezenta bhala Dok GJ4, il-PIRS report datat erbatax (14) ta’ April, 2011 illi dahhlet WPC 319 Anna Maria Scerri fuq l-incident mertu ta’ dawn il-proceduri.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami gie mistoqsi kemm ilu Spettur fejn qal li se jaghlaq hames (5) snin. Mistoqsi fejn kien stazzjonat huwa spjega li kien l-Ghassa tal-Belt u jghid li wara gie transferred is-CID. Mistoqsi jekk qattx kien Hal Qormi huwa spjega li kien Surgent hemmhekk, pero’ mhux meta gara dan l-incident ghaliex kien diga’

Spettur il-Belt. Mistoqsi jekk jafx min hu l-Ispettur Cachia huwa wiegeb li lill-Ispettur Tony Cachia jafu. Mistoqsi jekk kellimx lis-Sur Cachia fuq dan il-kaz, wiegeb li le w lanqas ma kien kellmu fuq dan l-incident. Mistoqsi jekk jafx li dan il-kaz beda mal-Ispettur Cachia, wiegeb li seta' kien il-kaz li hemm proceduri ohra pero' mhux dwar gurament falz.

Mitlub jispjega fuq ir-rapport falz li sar spjega li ma jafx xejn, ghaliex mhux hu nvestigah. Spjega inoltre li l-Ispettur Cachia kien imexxi l-kazi li jigru fuq in-naha tieghu, bhala Spettur ta' Hal Qormi mentri hu, peress li stazzjonat il-Belt, u l-guramenti foloz jittiehdu gol-Qorti fil-Belt, jircievi l-kwereli dwarhom ghax ikunu graw fil-Belt. Insista pero' li huwa m'ghandux x'jaqsam mal-investigazzjoni tal-Ispettur Tony Cachia u jaf li l-kaz li ghandu l-Ispettur Tony Cachia f'dak il-kaz kien involut is-Surgent 547 u f'dan il-kaz huwa nvolut is-Surgent 191, u ghalhekk huma zewg kazi separati. Id-Difiza sostniet li z-zewg kazi mhumiex separati w kompliet li huwa jaf x' gara gol-Ghassa w l-akkuzi tieghu huma li hadet gurament falz meta spjegat x'gara gol-Ghassa Hal Qormi, pero' x'gara qabel u x'gara wara ma jinteressahx. Mistoqsi jekk hu kienx fl-Ghassa fil-hin ta l-incident huwa wiegeb li ma kienx. Mistoqsi jekk ghamilx investigazzjoni x'gara dakinhar stess qabel ma baghat dawn l-akkuzi, x'gara dakinhar u ghaliex marret l-imputata taghmel rapport l-Ghassa huwa wiegeb li ma jinteressahx. Spjega li hu qed imexxi fuq gurament falz u mhux dwar x'gara god-dar taghhom qabel. Huwa spjega li l-kwerela li rcieva dwar

gurament falz hija fuq l-affarijiet li graw gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi fl-erbatax (14) ta' April, 2011 fl-ghaxra (10:00) ta' filghaxija fejn l-imputata allegat illi r-ragel taghha Michael Baldacchino kien agressiv maghha gewwa l-Ghassa, u li kellu jigi mizmum mill-erba' (4) Pulizija. Kompla li dak ma jirrizultax l-ewwelnett ghax l-Ghassa kien hemm tlieta (3) Pulizija u mhux erbgha (4) u ghaliex irrizulta li missierha kien agressiv u mhux zewgha.

Ghalhekk jghid li hawn irrizultalu li kien hemm gurament falz u mexxa fuq dak ir-rapport, mhux fuq dak li kien gara d-dar qabel, jekk kienx agressiv maghha d-dar u min ghamel ir-rapport l-ewwel. Insista li qed jixhed fuq dak li pprezenta, x'gara qabel mhux fl-interess tieghu.

Ix-xhud spjega li dawn il-proceduri bdew wara *challenge* lli gie deciza mill-Magistrat Mizzi liema *challenge* sar ghax kien hemm hafna kwereli. Jghid li bhala prosekuzzjoni, bhala nvestigatur, ma qabilx mal-kwereli kollha, allura sar *challenge* biex jigi deciz il-Prosekuzzjoni fuqhiex ghandha timxi u fuqhiex m'ghandhiex timxi, jghid li fil-fatt kien hemm kwereli ohra li ma mexxewx fuqhom filwaqt li kien hemm dawk partikulari li mexxew fuqhom.

Mistoqsi jikkonferma allura li l-akkuzi odjerni mexxiex fuqhom wara *challenge*, huwa spjega li dawn partikulari iva,

w li kienu ma' hafna ohra w ma hassx li kellu jaqbad u jiddeciedi biex ma jkunx *biased*, imma gie deciz imbaghad min-naha tac-*challenge* fuq liema kellhom imexxu w din kienet wahda minnhom. Mistoqsi mill-Qorti min kien ir-rapprezentant tal-Kummissarju fic-*challenge,* wiegeb li kien hu.

Spjega li kien hemm bosta allegazzjonijiet ta' guramenti foloz b'dati differenti, f'postijiet differenti, pero' mbaghad mexxew fuq dan il-kaz tal-14 t'April, 2011 biss. Insista li bhala Prosekuzzjoni u bhala provi li se tressaq il-Prosekuzzjoni, huma biss rigward il-guramenti li ttiehdu fuq l-argument tal-14 t'April, 2011 fl-ghaxra ta' filghaxija (10pm) fl-Ghassa ta' Hal-Qormi fejn kien hemm prezenti PS 181, PC244 u WPC 319. Kompla li fuq okkazjonijiet ohra il-Prosekuzzjoni la mexxiet u lanqas se tmexxi.

Illi nhar l-14 ta' Novembru, 2012 xehed **Robert Bugeja** u spjega li ghan-nom tar-Registratur tal-Qorti tal-Familja pprezenta rikors ipprezentat minn Ruth Baldacchino, fit-tmintax (18) ta' April, 2011 fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-Atti tal-ittra 1295/10AGR fl-ismijiet **Ruth Baldacchino vs Michael Baldacchino**. Dan gie pprezentat u mmarkat bhala Dok BR1. Huwa pprezenta wkoll risposta pprezentata minn Ruth Baldacchino fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April, 2011 fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-Atti tal-kawza numru 97/2011 fl-ismijiet **Michael Baldacchino vs Ruth Baldacchino** li giet markata Bhala Dok BR2. Ipprezenta

ukoll risposta pprezentata minn Ruth Baldacchino fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ April, 2011 fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-Atti tad-digriet moghti fl-erbgha (4) ta’ April, 2011) fl-ismijiet **Ruth Baldacchino vs Michael Baldacchino** li giet immarkata bhala Dok. BR3. U finalment bhala Dok BR4 ipprezenta risposta guramentata u kontro talba pprezentata fit-tlettax (13) ta’ Gunju, 2011)fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-atti tal-kawza numru 97/2011 fl-ismijiet **Michael Baldacchino vs Ruth Baldacchino**.

Illi nhar il-25 ta’ Novembru, 2013 xehed **PC244 Stephen Farrugia** fejn gie mistoqsi jispjega x’gara w x’kien l-involviment tieghu fil-kaz tal-erbatax (14) ta' April, 2011 ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl fejn kienet involuta s-Sinjura Ruth-Mary Baldacchino. Huwa ddikjaras li hu stazzjonat Hal-Qormi bhala xufier. Jiftakar li kienet dahlet telefonata l-ghassa li kien hemm xi argument familjari gewwa Triq il-Helsien. Ftakar li WPC319 kienet qaltilhom li min tahom l-informazzjoni kien qalilhom li kien argument familjari fi Triq il-Helsien, pero’ l-*address* ezatt ma setax jiftiehem u lanqas min kien cempel. Jghid li x'hin marru fi Triq il-Helsien, bdew ifittxu r-residenza, izda ma setghux isibuha, w dak il-hin stess regghet cemplitilhom WPC 319 u nfurmathom li l-parti li kien ghamel ir-rapport kien mar l-Ghassa ta' Hal-Qormi. Huwa u s-Surgent PS191 regghu rritornaw lura lejn l-Ghassa fejn sabu lil Ruth Baldacchino fin-naha ta' fejn jiehdu r-rapporti u w lil Michael Baldacchino, li hu r-ragel ta’ Ruth Baldacchino,

f'kamra ohra, li generalment tintuza biex jisseparaw lin-nies gewwa l-Ghassa.

Ix-xhud ikkonferma li jaghraf kemm lill-kwerelant kif ukoll lill-imputata prezenti fl-Awla. Kompla jispjega li s-Surgent u hu dahlu go din il-kamra fejn kien hemm Michael Baldacchino, bdew jiehdu l-verzjoni tieghu tal-fatti w f'daqqa wahda semghu kommozzjoni gejja min-naha ta' barra, fejn dak il-hin hargu w sabu lill-missier Ruth Baldacchino, li jigi Joe Penza. Dan beda jghajjat, jitkellem b'vuci gholja ma' Ruth, beda jsaqsiha jekk sawwathiex,u huma biex jippruvaw jikkalmawh bdew iwissuh biex jikkalma ghaliex kien fi stat li kien agitat fejn kellhom ukoll juzaw xi ftit tal-forza.

Zied jghid li harguh barra mill-Ghassa biex jikkalmawh u anke gie arrestat peress li ghamel xenata fl-Ghassa. Spjega li dak il-hin pulizija kienu hu, PS191 u l-*olderly* WPC 319, tlieta b'kollox. Ikkonferma li l-imputata kienet fl-Ghassa taghmel rapport li xi hadd weggghaha. Mistoqsi jispjega kif kien l-atteggjament tas-Sur Michael Baldacchino gewwa l-Ghassa dakinhar, huwa wiegeb li x'hin hu wasal minn barra, s-Sur Michael Baldacchino kien diga' go kamra separata. Mistoqsi jekk dan tkellimx f'xi hin, ix-xhud spjega li quddiemu ma tkellimx, huma bdew jitkellmu mieghu u bdew jiehdu l-verzjoni tieghu.

Fuq mistoqsija tal-Parte Civile kemm kien hemm pulizija gol-ghassa qabel ma waslu hu w is-Surgent, ix-xhud wiegeb li kien hemm biss l-*orderly*, u bihom b'kollox kienu tlieta. Spjega li hu u s-Surgent kienu fuq barra u WPC 319 kienet mat-telefon gewwa l-Ghassa. Mistoqsi fl-Ghassa min kien hemm prezenti x'hin waslu huma, spjega li kien hemm Ruth Baldacchino ma' WPC 319 fejn in-naha tat-telefon u Michael Baldacchino fuq in-naha l-ohra.

Il-Parte Civile qratlu minn rikors prezentat minn Ruth Baldacchino, liema rikors jinsab fl-atti go *envelope* immarkat fol. 44 BR1, fejn Ruth Baldacchino stqarret bil-gurament taghha " *Wara li waslet l-Ghassa segwieha l-intimat li kaxkar mieghu liz-zewg uliedu u anki fl-Ghassa ried ihebb ghaliha tant li kellha tiskenn wara l-counter tal-ufficju tal-Ghassa biex ma tigiex imsawwta".* Huwa gie mistoqsi jekk dina rahiex waqt li kien hemm hu fl-Ghassa. Ix-xhud qal li waqt li kien hemm hu fl-Ghassa dan ma rahx.

Il-Parte Civile kompliet taqralu estratt mir-rikors u cioe': "*Fil-prezenza kemm ta' hu l-esponenti Elton Penza kif ukoll ta' erba' kuntistabbli qajjem pandemonju, bl-ghajjat u theddied tant li kellu jigi mizmum fizikament biex ma jerfghax idejh kemm fuq Elton Penza kif ukoll fuq martu*." - dan dejjem b'referenza ghal Michael Baldacchino. Mistoqsi jekk jiftakarx dan l-episodju, x-xhud wiegeb li meta wasal ma kien hemm xejn minn dan.

Mistoqsi ghal darb'ohra dwar l-atteggjament ta' Michael Baldacchino rega' sostna li dan kien go kamra bil-qeghda. Jghid li meta hu wasal l-ghassa, Elton Penza (hu l-imputata) ma kienx hemm, jigifieri wasal warajh. Jaf li kemm meta telaq Elton Penza mill-ghassa, kif ukoll meta telaq Michael Baldacchino, hu kien ghadu hemm u sa fejn jaf hu ma sar l-ebda diskors bejn dawn it-tnejn peress li ma kinux fl-istess kamra. Mistoqsi jekk jiftakarx kif wasal id-dar Michael Baldacchino, qal li ma jiftakarx. Mistoqsi min kien fil-kamra ma' Michael Baldacchino, apparti x'hin bdew jidhlu jkellmuh huma, spjega li jekk m'huwiex sejjer zball kien hemm uliedu.

Il-Parte Civile ghamlet referenza ghal Dok. BR 2 fejn l-istess Ruth Baldacchino bil-gurament taghha qalet: "*Illi l-esponenti kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali wara theddied u vjolenza mill-ahrax u dan jista' jigi konfermat minn diversi ufficjali tal-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi li raw lil Michael Baldacchino jagredixxi lil martu sahansitra fl-Ghassa u quddiem erba' kuntistabbli tant li l-esponent liebsa biss in-night dress kienet kostretta tahrab mid-dar wara li giet assaltata minn zewgha biex marret tistkenn fl-Ghassa anke' fl-Ghassa stess kellha tistkenn wara l-banka tal-Ghassa meta zewgha anke fl-Ghassa u quddiem il-Pulizija ried ikompli jassaltaha, ried jassalta ukoll lil huha Elton Penza u quddiem dawn il-Pulizija stiednu ghall-glied u kien biss ghax gie mizmum mill-Pulizija li ma saritx tragedja*".

Mistoqsi jekk jistax jivverifika dan, ix-xhud irrisponda li l-pulizija fl-ebda hin ma zammew lil Michael Baldacchino. Mistoqsi jekk xi hadd minn shabu zammx lil Michael f'xi hin huwa spjega li le.

Il-Parte Civile ghamlet accenn ghal Dok. BR 3 fejn wara li qratlu estratt minn rikors prezentat minn Ruth Baldacchino, ix-xhud rega' tenna li fl-ebda hin waqt li hu kien prezenti fl-ghassa ma kien hemm vjolenza bejn il-partijiet, kien hemm biss kommozzjoni meta mar missier l-imputata, Joseph Penza li nzamm mill-pulizija, pero' kompla jsostni li fl-ebda hin ma kien vjolenza. Ikkonferma li dan l-incident sehh fl-erbatax (14) ta' April, 2011 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija.

Illi nhar il-25 ta' Novembru, 2013 xehdet **WPC319 Anne Marie Scerri** u mistoqsija fl-erbatax (14) ta' April, 2011 fejn kienet stazzjonata hija spjegat li kienet stazzjonata l-Ghassa Hal-Qormi bhala *telephone orderly*. Spjegat li nhar l-erbatax (14) ta' April ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija rcevew telefonata minn persuna tas-sess maskili fejn qaltilhom li fi Triq il-Helsien kien ghaddej argument familjari. PS191 flimkien ma' PC 244 marru fuq il-post, pero' hija baqghet gewwa. Ziedet tghid li ftit tal-minuti wara waslet l-ghassa certa Ruth-Mary Baldacchino sabiex tirraporta li kien ghadu kemm kellha argument mar-ragel taghha gewwa Triq il-Helsien, Hal-Qormi. Sadanittant hija cemplet lis-Surgent

flimkien mal-Pulizija biex jergghu jirritornaw l-Ghassa u bdiet tohdilha l-verzjoni taghha. Bdiet tghidilha li l-argument beda minhabba t-tifel, fuq xi laqgha li kellhom, meta suppost li kien imissu jmur Michael izda haditu hi u li kienet harget it-tifla taghhom u qaltilha li ahjar ikollhom omm ohra milli lilha, w allura s-Sinjura Baldacchino marret biex tkellimha biex tghidilha li m'ghandiex titrattaha hekk ghax hija ommha daqs kemm il-parti l-ohra hija missierha. Sa dak il-hin Michael beda' jghidilha sabiex thalli lit-tifla bi kwieta u mbuttaha u hi bezghat u qabdet l-ewwel gakketta w marret l-Ghassa tal-Pulizija.

Ix-xhud kompliet li ftit tal-hin wara, waqt li kienet qed tiehu l-verzjoni tal-imputata, waslu l-Ghassa Michael flimkien mat-tfal.  Tghid li kienu jidhru kemmxejn ecitati, ghalhekk hija qamet bil-wieqfa mill-ewwel. Beda jghidilha li qabel kien hu li kien cempel u li bdiet tqum kommozzjoni, w ghaldaqstant isseparathom billi hadet lil Michael Baldacchino u lit-tfal f'kamra ohra u lil Ruth zammitha fl-ufficcju fejn kienet qed tiehu r-rapport.

Sadanittant tghid li waslu l-Ghassa s-Surgent u l-Pulizija u dahlu jiehdu l-verzjoni ta' Michael Baldacchino u t-tfal u hija baqghet tiehu l-verzjoni tas-Sinjura Baldacchino. U ftit tal-hin wara wasal missier Ruth Baldacchino fejn beda jqabbad il-kommossjoni ghall-fatt li beda jsaqsiha jekk kienx sawwatha. Hi bdiet tghidlu li ma sawwathiex, pero' baqa' jghajjat u

kellhom johorgu s-Surgent u l-Pulizija biex jikkalmaw is-sitwazzjoni, pero' dan baqa' jghajjat tant li kellhom jarrestawh biex jikkalma. Mistoqsija kemm kienu Pulizija l-Ghassa dak il-lejl hija spjegat li kienu tlieta (3) hi, PS191 u PC 244. Mitluba tispjega kif gab ruhu s-Sur Michael Baldacchino tul il-hin kollu li qatta' gewwa l-Ghassa hija spjegat li ghall-ewwel is-sitwazzjoni kienet naqra kommossa ghall-fatt li Michael Baldacchino xtaq li hija tiehu r rapport tieghu l-ewwel. Ix-xhud tghid li ma setghetx taghmel dan ghax kienet diga' waslet l-Ghassa s-Sinjura Baldacchino, l-imputata, u kienet gja bdiet tiehu r-rapport taghha w ma setghetx idahhalhom f'salt peress li kienet wahedha. Tghid li t-tfal bdew jghajjtu ma' ommhom u allura sseparathom billi tefghet lil Michael naha u lil Ruth ohra w ma halliethomx johorgu.

Mistoqsija kif gab ruhu s-Sur Michael Baldacchino minn hemm 'il quddiem, hija spjegat li baqa' gol-kamra w ma harigx. Mistoqsija jekk kienx hemm xi argumenti jew aggressjonijiet tul il-hin li kienu l-Ghassa, jew jekk gewx fl-idejn hija spjegat li pulizija gol-ghassa kienu tlieta (3) l-Ghassa w inoltre mhux ha jippermettu certu sitwazzjonijiet ta' aggressjoni. Mistoqsija jekk taghrafx lil Ruth Baldacchino wiegbet fl-affermattiv.

Ix-xhud ftakret li l-incident sehh ghall-habta ta' l-ghaxra u kwart bejn wiehed u iehor ghax fl-ghaxra dahlet it-telefonata. Mistoqsija x'qalilha Michael Baldacchino f'din it-telefonata,

hija qalet li t-telefonata kienet kommossa pero' taf li qalilha li kien hemm argument familjari u biex imorru Triq il-Helsien. Tghid li sakemm il-pulizija li marru kienu qed ifittxu d-dar, lahqet waslet l-Ghassa l-imputata. Ikkonfermat li kien Michael Baldacchino li cempel l-Ghassa. Inqralha estratt minn dak li qalet Ruth Baldacchino dwar dak li gara dakinhar u cioe' li: "*Wara li waslet l-Ghassa segwieha l-intimat li kaxkar mieghu ukoll liz-zewg uliedu u anki fl-Ghassa ried ihebb ghaliha tant li kellha tiskenn wara l-counter tal-ufficcju tal-Ghassa biex ma tigix imsawwta. Dan gara fil-prezenza ta' erba' Pulizija wahda minnhom Pulizija mara u b'dan giet infurmata ukoll l-Ispettur Sandra Borg. Jista' wiehed jimmagina l-komportament insomma ta' vjolenti tar-ragel meta jkunu wahedhom fid-dar konjugali meta anke fl-ghassa ta' Hal-Qormi u fil-prezenza kemm ta' hu l-esponenti Elton Penza kif ukoll ta' erba' kuntistabbli qajjem pandemonju bl-ghajjat u theddid tant li kellu jigi mizmum fizikament biex ma jerfghax idejh kemm fuq Elton Penza kif ukoll fuq martu*". Spjegat li l-bank tal-Ghassa taghhom qieghed bhal speci passabbli li wiehed jista' jidhol u peress li fuq wara m'hemm l-ebda bibien u huwa facli li bniedem jidhol. Rigward ta' kemm kienu pulizija fl-Ghassa, tghid li kienu tlieta (3) dakinhar stazzjonati hemmhekk bhala xoghol. Mistoqsija jekk Michael f'xi hin fil-prezenza taghha riedx ihebb ghall-imputata hija spjegat li hi qaghdet fl-antiporta u qasmithom. Mistoqsija ghal darb'ohra jekk fil-prezenza taghha riedx ihebb ghal martu hija spjegat li le, w ziedet li kien hemm l-argument ghaddej verbali, fis-sens li bdew jargumentaw min kien ser jaghti r-rapport l-ewwel. Mistoqsija jekk ippruvax jghaddi biex jara l-martu hija spjegat

li biex jghaddi ried jimbotta lilha, w dan m’ghamlux. Hija spjegat li sseparathom mal-ewwel. Mistoqsija jekk f’xi hin ratx lil Michael iqajjem dan il-pandemonju bl-ghajjat u t-theddid jew jekk ratx lil Michael jigi mizmum fizikament biex ma jerfax idejh fuq Penza kif ukoll fuq martu, hija spjegat li kien hemm argument verbali, pero' ma eskalax ghaliex hija mill-ewwel isseparathom biex tevita li jinqalghu aktar argumenti. Mistoqsija wara li gew il-Pulizija l-ohra x'kienet is-sitwazzjoni fl-Ghassa hija spjegat li kienet wahda kwieta ghax hija kienet baqghet tiehu l-verzjoni ta' Ruth filwaqt li s-Surgent u l-Pulizija PC244 bdew jiehdu l-verzjoni ta' Michael u t-tfal in-naha l-ohra. Saritilha referenza ghal dik il-parti tar-rikors fejn l-imputata qalet: “*Fl-istess incident u quddiem l-istess erba’ kuntistabbli beda jistieden lil Elton Penza ghall-glied kollox kif jista' jigi kkonfermat mill-imsemmija erba’ u kuntistabbli anke mill-Ispettur Sandra Borg*.” Tispjega li hija sseparathom - Michael baqa’ fuq gewwa w Ruth baqghet hdejha - hadd minnhom ma hareg fin-nofs biex jerga' jaqbad l-argument. Mistoqsija jekk f'dak il-hin Michael kellimx lill-familjari ta' Ruth u jekk iva x'qalilhom, hija sostniet li ma kellimhomx ghax is-Surgent avzah biex joqghod gewwa w ma johrogx. Mistoqsija jekk hija baqghetx gol-Ghassa l-hin kollu tul dan l-incident spjegat li iva. Saret ukoll referenza ghal parti ohra tar-rikors fejn l-imputata stqarret:- “*li hi kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali wara theddied u vjolenza mill-ahrax u dan jista' jigi kkonfermat minn diversi Ufficjali tal-Pulizija tal-Ghassa ta' Hal-Qormi li raw lil Michael Baldacchino jagredixxi lil martu sahansitra fl-Ghassa u quddiem erba’ kuntistabbli tant li l-esponenti kienet liebsa biss in-night dress*

*meta kienet konstretta tahrab mid-dar wara li giet assaltatha minn zewgha biex marret tistkenn fl-Ghassa anke fl-Ghassa stess kellha tistkenn wara l-banka tal-Ghassa meta zewgha anke fl-Ghassa u quddiem il-Pulizija ried ikompli jassaltha. Ried jassalta ukoll lil huha Elton Penza u quddiem dawn il-Pulizija stiednu ghall-glied. U kien biss ghax gie mizmum mill-Pulizija li ma sarietx tragedja*." Hija spjegat li l-imputata kienet liebsa gakketta w ma hassitx li kellha tghidilha tiftah il-gakketta biex tara x'ghandha minn taht, pero' taf li qaltilha li kienet bil-pagama u qabdet l-ewwel gakketta w dan tnizzel fir-rapport. Dwar l-argumenti qalet li l-pulizija mhux se jippermettu li persuna jsawwat persuna ohra fl-Ghassa w fil-fatt cahdet li kien hemm xi swat. Cahdet ukoll li Michael Baldacchino f'xi hin gie mizmum mill-Pulizija w ziedet li kien Joseph Penza li kien inzamm.

B' referenza ghal Dok. BR3 fejn Ruth Baldacchino ddikjarat li "*kellha tallontana mid-dar konjugali flimkien ma' binha l-minuri Jean-Paul issib rifugju ghand huha Elton Penza wara li zewgha attakaha bl-iktar mod krudili mhux biss waqt li kienet id-dar izda sahansitra waqt li kienet fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi u fil-prezenza ta' erba' Pulizija*", ix-xhud qalet li quddiemha ma sar xejn minn dan.

Fl-ahharnett ikkonfermat li Dok. GJ4 a fol. 38 huwa r-rapport li dahhlet hi.

Illi nhar it-8 ta' Jannar, 2014 xehed **Michael Baldacchino** u kkonferma li kien ghamel rapport dwar battibekk bil-kliem li sehh fid-dar konjugali w ghaliex martu dahlet ghal binthom fil-kamra tal-banju waqt li din kienet qed tinhasel. Qal li hu cempel lill-Pulizija ghall-ghajjut, jiftakar li kellmitu pulizija mara w qaltlu li ma kellhomx lil min jibaghtu. Dan sehh fl-erbatax (14) t'April, 2011 u l-gurnata kienet il-Hamis.

Kompla jispjega li fil-frattemp il-mara dahlet, libset *tracksuit* griza w flokk tal-pigama fuqha w tefghet gakketta fuqha w telqet 'il barra. Jghid li meta t-tifla harget mill-kamra tal-banju, hu w it-tfal marru l-ghassa bil-mixi. Ikompli li meta waslu hdejn l-iskola, Triq Bishop Scicluna, kien hemm karozza li zammet *brake* maghhom u hasdithom. Jghid li l-brake kien twil xi sitt metri w ix-xufier kien hu l-mara tieghu.

Malli waslu l-ghassa sab lill-mara w lil huha w jammetti li hekk kif dahal hu qal lil hu l-mara "hsadt lit-tfal kiesah". Allura dak kien pront gibed l-attenzjoni tal-pulizija li kien hemm biex juriha li hu (ix-xhud) huwa bniedem aggressiv. Pero' mbaghad il-pulizija baghtet lilu w lil uliedu go kamra ghalihom bil-bieb maghluq. Wara xi ftit minuti jghid li beda jisma' l-ghajjat u d-dagha w mil-lehen induna li kien missier martu, w dan beda jsaqsiha x'ghamilha (ghalih) u din bdiet tghidlu li m'ghamlilha xejn. Hu beda jisma' kommozzjoni shiha minn gewwa, beda jisma' lill-Pulizija jghidu "*ha*

*tweggghana, ha tweggghana*" w jahseb li hadha mal-Pulizija wkoll.  Pero' jghid li hu baqa' fejn kien mat-tfal.

Mitlub jikkwota fejn martu hadet gurament falz, spjega li rigward rikors datat tmintax (18) t'April, 2011 *number* 811, f'paragrafu erbgha (4) fejn qalet:- "w*ara li waslet l-Ghassa segwiha l-intimat li kaxkar mieghu ukoll liz-zewg (2) uliedu u anke fl-Ghassa ried ihebb ghaliha tant li kellha tistkenn wara l-counter tal-ufficcju tal-Ghassa biex ma tigix imsawwta. Dan gara fil-prezenza ta' erba' (4) Pulizija wahda minnhom Pulizija mara u b'dan giet infurmata ukoll l-Ispettur Sandra Borg. Jista' wiehed jimmagina l-komportament vjolenti tal-intimat ma' martu wehidhom fid-dar konjugali meta anke fl-Ghassa ta' Hal Qormi u fil-prezenza kemm ta' hu l-esponenti Elton Penza kif ukoll ta' erba' (4) kuntistabbli. Qajjem pandemonju b'ghajjat u theddid, tant li kellu jigi mizmum fizikament biex ma jerfghax idejh kemm fuq Elton Penza kif ukoll fuq martu. L-istess incident u quddiem l-istess erba' (4) kuntistabbli beda jistieden lil Elton Penza ghall-glied. Kollox kif jista' jigi kkonfermat mill-imsemmija erba' (4) kuntistabbli u anke mill-Ispettur Sandra Borg".*

Jenfasizza li dan kollu mhux minnu.  Jghid li pulizija dakinhar fl-Ghassa kien hemm Pulizija mara wehidha w iktar tard marru hdejh tnejn (2) ohra, zewgt (2) irgiel, is-Surgent 191 u Kuntistabbli li jafu biss minn wiccu.  Mistoqsi x'gara effettivament fl-Ghassa huwa spjega li sakemm kien qieghed

hemm fil-kamra mat-tfal, u s-Surgent beda johodlu r-rapport tieghu, bdew jisimghu l-ghajjat gej minn barra. Is-Surgent hareg jara x'gara, w imbaghad fost l-ghajat beda jisma' wkoll lis-Surgent u l-Pulizija. Tul dan il-hin kollu hu kien go din il-kamra, ghalih mat-tfal. Jigifieri x'hin hu dahal gol-Ghassa, kien hemm Pulizija mara biss, wehidha. Ikompli jghid li hu ma segwiex lil mara izda nizel mat-tfal, halla lit-tifla tlesti ghax kienet qed tinhasel, u mar biex jaghmel ir-rapport tieghu, u ha t-tfal mieghu biex ma jhallihomx wahedhom. Sostna li fl-Ghassa kien huha li ried ihebb ghalih, u lil martu hu ma kellimhiex, izda malli dahal l-ghassa kien kellem lil huha w qallu "*kemm int kiesah zammejt brake biex twerwer lit-tfal?*" Dak il-hin stess il-Pulizija mara, li kienet ezatt fil-kurutur, lilu dahhlitu go kamra w hu wiegeb lil hu l-mara "*mhux ser inpaxxik ta' tibzax*" u dahal f'dil-kamra, ghax kien jaf li dak ried jipprovokah bhalma pprovokah bil-*brake* li zamm. Jghid li aktar tard il-*brake* kien urih lill-Pulizija ghax kienu huma li wassluh bit-tfal. Isostni li kuntrarju ghal dak li tghid martu li dan gara fil-prezenza ta' erba' (4) Pulizija, hu qatt ma ra erba' (4) Pulizija fl-ghassa. Jghid li fil-fatt lanqas ma jahseb li l-Ispettur Sandra Borg kienet fl-Ghassa dak il-hin ghax hu ma rahiex. Jghid li anke l-allegazzjoni li kellu jigi mizmum fizikament biex ma jerfghax idejh kemm fuq Elton Penza kif ukoll fuq martu hija gidba.

Jghid li anke fir risposta datata 25 t'April, 2011 li pprezentat quddiem il-Qorti tal-Familja, l-imputata qalet il-falz meta qalet, "*illi hija kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali wara theddid u vjolenza mill-ahrax u dan jista' jigi kkonfermat minn*

*diversi ufficjali tal-Pulizija tal-Ghassa ta' Hal Qormi li raw lil Michael Baldacchino jaggredixxi lil martu sahansitra fl-Ghassa u quddiem erba' (4) kuntistabbli tant li l-esponenti liebsa biss bin-night dress, meta kienet kostretta tahrab mid-dar wara li giet assaltatha minn zewgha biex marret tistkenn l-Ghassa. Anka fl-Ghassa stess kellha tiskenn wara l-banka tal-Ghassa, meta zewgha anke fl-Ghassa u quddiem il-Pulizija ried ikompli jassaltaha, ried jassalta ukoll lil huha Elton Penza u quddiem dawn il-Pulizija stiednu ghall-glied u kien biss li gie mizmum mill-Pulizija li ma saritx tragedja*."

Mistoqsi jekk dan sehhx huwa cahad kategorikament. Spjega li dawn ir-Rikorsi kien qed jaghmilhom ghax kien ghamel xahrejn u nofs jigi mcahhad mit-tifel. Jghid li l-imputata qed tabbuza mis-sistema Gudizzjarja fejn filwaqt li qed iccahhad lill-esponenti mis-salarju tieghu, dan bi tbatija kbira ghalih u ghat-tfal li qed imantni wahdu. Cahad dak allegat li l-imputata kellha tallontana ruhha mid-dar flimkien ma' binhom minuri, izda spjega li l-ghada t-tifel kien imissu joqghod maghha, marret tigbru mill-iskola w ma tatulux ghal xahrejn u nofs.

Jghid li dakinhar mill-ghassa hareg akkumpanjat mill-pulizija ghax kien qed jibza' minn hu l-mara w missierha w peress li kienu marru l-ghassa bil-mixi.

Illi nhar it-8 ta’ Jannar, 2014 xehed **PS191 Luke Bugeja Persiano** u spjega li fl-erbatax (14) ta' April, 2011 kien stazzjonat l-ghassa ta’ Hal-Qormi w kien qieghed xoghol *night watch* u kien qed ilahhaq id-distrett kollu, jigifieri Hal Qormi, Haz-Zebbug u s-Siggiewi. Xufier mieghu kellu lill-PC 244 Stephen Farrugia u kellu mieghu *telephone orderly* WPC 319 Annemarie Scerri. Jiftakar dak iz-zmien kellhom *frequent patrol* Haz- Zebbug mar-residenza tal-Ambaxxatur Franciz.

Jiftakar li kienet cemplitlu WPC 319 u qaltlu li ghadha kemm irceviet xi telefonata l-Ghassa Hal-Qormi fejn fehmet li fi Triq il-Helsien hemm xi argument, imma ma lahqux tawha n-numru tal-bieb. Jghi dli nizel minn Haz-Zebbug, ghadda minn Triq il-Helsien darbtejn (2) izda ma nnota xejn. Hu u niezel minn Hal Qormi, inqalghet bicca xoghol ohra Haz Zebbug, kellu xi *alarm* x'imkien, u ftit wara regghet cemplitlu WPC 319 u qaltlu li l-Ghassa kien hemm Ruth Baldacchino w huha w kienet nizlet taghmel rapport fuq din il-bicca xoghol ta' Triq il-Helsien, Hal Qormi. Huwa qalilha li kien qieghed *on the way* u qata’ l-linja, imma ftit minuti wara kienet regghet cemplitlu w qaltlu biex jghaggel ghax kien gej ir-ragel taghha mat-tfal u qatghu. Wara ftit regghet qaltlu biex jghaggel ghax kien mar missier Ruth Baldacchino. Qaltlu li kienet firdithom ghax missierha kien qed jaqla' xi naqra nkwiet fl-Ghassa, w kien hemm huha wkoll. Jghid li malli hu u l-Pulizija li kellu mieghu dahlu l-ghassa, sabu lil certu Joseph Penza, missier Ruth-Mary Baldacchino, li beda jghajjat ma' Ruth u jghidilha "*missek, missek, ghidli x'ghamillek, fejn qieghed, fejn*

*qieghed*?" u jghajjat u hekk. Ippruvaw jikkalmawh ghax l-affarijiet ma kellhomx ghalfejn jiskalaw sa dak il-limitu, izda dak ma riedx jieqaf u wissieh li jekk jibqa' sejjer hekk kien se jkollu jarrestah. Sadattant kien jaf illi Michael kien qieghed in-naha l-ohra, ghax kien diga' dahal ikellmu w saqsieh x'kien gara. Ikompli li lil Joseph Penza kien hargu 'l barra w anke li kien se jarrestah, jekk mhux se jikkalma. Jiftakar li kien informa wkoll lill-Ispettur Sandra Zammit u din qaltlu biex johrog ic-*charges* normali mas-Seduta u kien hareg ic-*charges* kemm lil Michael fuq *domestic violence* kif ukoll lil Joseph Penza. Mistoqsi hu lil min akkuza li ghamel l-istorbju gewwa l-Ghassa f'dak l-incident, huwa spjega li kien akkuza lil min sema' jaghmel l-istorbju, cioe' lil Joseph Penza. Sostna li Michael il-hin kollu kien kwiet gol-Ghassa, kemm x'hin kellmu hu w anke x'hin inqaghlet dik il-kommozzjoni w baqa' fil-kamra m'ghamel xejn. Jigifieri ma setax jakkuzah illi ghamel xi haga. Pero' jghid li hariglu l-akkuza fuq dak li nizzlet WPC 319 fir-rapport, cioe' dwar Domestic Violence, jigifieri dwar dak li gara god-dar. Ikkonferma li dak kollu li semma' qieghed fir-rapport u semma li sussegwentment kien ghamel *update* ghax Michael kien qallu li Joseph Penza ma jistax jimmolestah jew javvicinah u effettivament kien ipprezentalu s-Sentenza tal-Qorti li giet annessa mal-istess rapport. Din is- Sentenza inghatat mill-Magistrat Dr. S. Demicoli. Ix-xhud ipprezenta dan ir-rapport Pirs Number 2/C863/2011 bhala Dok. LB1 iffirmat minnu stess.

Ghal darb’ ohra tenna li fl-Ghassa kien hemm Pulizija mara wahedha bhala *telephone orderly* peress li dakinhar kienu *short of staff* u huwa kien qed ilahhaq Hal Qormi, Haz-Zebbug u s-Siggiewi kollu. Haz-Zebbug jiftakar kellu Pulizija wiehed ir-Ritchie kellu PC1502. Mistoqsi min kien hemm xoghol l-Ghassa Hal-Qormi jghid li kienu huwa, PC 244 u l-Pulizija mara li ghamlet ir-rapport WPC 319, tlieta (3).  Cahad li f’xi hin waqt dan l-argument nizel il-Pulizija ta' Haz-Zebbug fl-Ghassa ta’ Hal-Qormi.

Id-Difiza qratlu minn dokument esebiti a fol. *fourty four* (44) prezentat u mahluf minn Ruth Baldacchino u dwar dan jghid li meta Ruth Baldacchino kient dahlet l-ghassa, hu ma kienx prezenti w ghalhekk ma jistax jikkonferma dak li kkonferamt bil-gurament l-imputata fir-rikors taghha.  Insista li kienu tlieta Pulizija fl-ghassa dakinhar, huwa, x-xufier tieghu u WPC 319.  Jiftakar li WPC 319 kienet harget minn wara l-bank filwaqt li Michael Baldacchino kien gol-kamra fejn hemm il-*lockers*, il-magni tal-kafe' u l-magna tal-affarijiet minerali.  Jghid li kien dahal ikellmu mall-ewwel u mieghu kien hemm it-tfal.  Jiftakar li kien saqsieh: “mela ha tibqghu sejrin biha?” ghax jiftakar li kien hemm iktar affarijiet qabel, u dak il-hin dahal Joseph Penza jghajjat gol-Ghassa ma’ bintu Ruth u jghidilha "f*ejn hu, fejn hu ghidli x'ghamillek?*" "*missek?"*  Mistoqsi jekk semghux jitkellem hazin ukoll, jghid li ma semghux, u kompla li ma jiftakarx jekk kienx hemm dagha.  Jaf li beda jghajjat u jigdem idejh u hafna affarijiet hekk.  Mistoqsi jekk f'xi hin rax lil Michael Baldacchino

jqajjem pandemonju bl-ghajjat u theddid, jew jekk kellux jigi mizmum fizikament biex ma jerfax idejh, huwa spjega li fil-prezenza tieghu Michael Baldacchino m'ghamel xejn. Sabu gol-kamra w baqa' go dik il-kamra, w kellmu go dik il-kamra. Jghid li x'hin hareg minn hemm ghax sema' lis-Sur Penza jghajjat, huwa ghalaq il-bieb warajh u lil Michael qallu biex jibqa' hemm, u dak hekk ghamel, kien kalm u baqa' kalm.

Id-Difiza ghamlitlu referenza ghad-dokument BR2 ghar-risposta tal-25ta' April, 2011 Numru 1080 fejn l-imputata regghet qalet "*li kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali wara theddid u vjolenza mill-ahrax u dan jista' jigi kkonfermat minn diversi Ufficcjali tal-Pulizija tal-Ghassa ta' Hal Qormi li raw lil Michael Baldacchino jagredixxi lil martu sahansitra fl-Ghassa u quddiem erba' (4) kuntistabbli tant li l-esponenti liebsa biss in-night dress meta kienet kostretta tahrab mid-dar wara li giet assaltata minn zewgha biex marret tistkenn fl-Ghassa anke fl-Ghassa stess kellha tistkenn wara l-banka tal-Ghassa meta zewgha anke fl-Ghassa u quddiem il-Pulizija ried ikompli jassaltaha. Ried ukoll jassalta lil huha Elton Penza u quddiem dawn il-Pulizija stiednu ghall-glied u kien biss ghax gie mizmum mill-Pulizija li ma saritx tracedja*". Huwa spjega li bl-ebda mod u fl-ebda mument ma zamm lil Michael u l-ghajjat u pandemonju sar minn Joseph Penza x'hin dahal fl-Ghassa. Mistoqsi Joseph Penza x'jigi mill-partijiet, wiegeb li dan jigi l-kunjatu ta' Michael, jigifieri missier Ruth Baldacchino, li huwa ghahraf fl-Awla bhala l-imputata.

L-istess xhud in kontro-ezami spjega li kien ilu xi sena jahdem fl-Ghassa ta' Hal-Qormi qabel l-incident in kwistjoni, pero' jaf li Surgenti ohra kellhom diversi rapporti simili dwar glied matrimonjali w l-access tat-tfal. Mistoqsi kemm-il telefonata kien ircieva mill-Ghassa, spjega li kien ircieva tlieta (3) u kull darba li cemplet il-pulizija kienet iktar bil-*panic*. Ikkonferma li minn meta marret Ruth hemmhekk sakemm waslu huma kienu ghaddew xi ghaxar minuti. Mistoqsi jispjega t-triq li kienu ghamlu dakinhar jghid li minn Haz-Zebbug marru jduru f'dik it-triq li qalu ma sabux u regghu marru Haz-Zebbug, u sadanittant regghet cemplitilhom darbtejn, pero’ cahad dak li gie suggerit lilu li kienet ghaddiet xi nofs siegha ghax dak il-hin ma ssibx traffiku. Mistoqsi jekk hu lil Michael kienx jafu qabel jghid li gieli ltaqa’ mieghu l-ghassa meta kienu imur jaghmel xi rapport li martu ma haditlux it-tfal.

Rat in-nota tal-parte civile Michael Baldacchino minnu pprezentata w mahlufa fit-8 ta’ Jannar, 2015 fejn iddikjara *“li m’ghadx ghandu aktar interess fil-proceduri kriminali fuq citati, qed jirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli u in vista tal-fatt li l-imputata hija mart il-parte civile, qed jirrinunzja li jaghti xhieda fil-konfront tal-imputata.*”

Illi nhar il-5 ta’ Frar, 2015 xehdet l-imputata **Ruth-Mary Baldacchino minn rajha w b’mod volontarju** u spjegat li hija kienet mizzewga lil Michael Baldacchino u fil-fatt illum

il-gurnata jinsabu separati legalment.  Spjegat li fil-fatt il-proceduri ghas-separazzjoni bdew xi hames (5) snin ilu. Tiftakar li hija kienet cemplet il-112 ghaliex darba minnhom ir-ragel taghha beda jsabbat mal-affarijiet, beda jghajjarha kif jaghmel is-soltu, il-bibien tad-dar huma kollha mifqughin u hija bdiet tibza'. Dahlet tigri fl-i*spare bedroom*, sakkret il-bieb u ghandhom *spare toilet.*  Tghid li lil tal-112 qaltilhom li kienet qed tibza' li r-ragel kien se jaqbad itiha, pero' tahseb li dak tal-112 fehem li hija qaltlu li r-ragel kien qed itiha. Spjegat li sadanittant l-istorja kienet ikkwitat ftit.  Tghid li kien marru l-Pulizija jhabbtu d-dar.

Spjegat li lit-tifla llum missierha dawwarha kontra taghha wkoll u fil-fatt ilha hames (5) snin ma tkellimha.  Tghid li meta marru l-pulizija hi qaltilhom "*okay police kollox ikkwieta*" u l-ewwel haga li qalilha l-pulizija kienet "t*af li ahna stajna hbattna*?" u hija spjegatlu li l-112 ma cemplitlux ghalxejn.

Qalet li t-tifel beza' minnu w beda jghid li mhux vera illi missieru beda jtiha w ovvjament it-tifla wkoll xehdet kontriha w tahseb li ghalhekk ma giex emmnuta w ghalhekk spiccaw il-Qorti.  Sostniet li mhux l-ewwel darba li r-ragel hebb ghaliha. Il-bibien tad-dar huma kollha mifqughin u hi bezghet minnu w ghalhekk cemplet il-112.  Tiftakar li kien hemm okkazjoni li hija kienet telqet mid-dar bil-*pyjama* b'kollox u dan ghaliex ir-ragel beda jsabbat bhas-soltu w dak il-hin fl-

Ghassa pulizija ma tafx jekk kienx hemm tlieta jew tnejn. Taf li dakinhar dahlet wara l-bank. Taf li r-ragel mar l-Ghassa bit-tfal u peress li hija qalet li kien hemm tnejn u mhux tlieta jew tlieta u mhux tnejn qalulha li hija kienet ghamlet gurament falz. Ikkonfermat li meta kienet l-Ghassa bdiet tibza' mir-ragel ghax hasbet li ha jibda jtiha w fil-fatt qaghdet wara d-*desk* tal-pulizija. Tghid li dahlet ma' genb pulizija mara. Tghid ukoll li dak il-hin qabel ma telqet mid-dar kien cemplilha missierha li mbaghad mar l-Ghassa ltaqa' maghha w mar huha ukoll. Tghid li missierha fl-ghassa dar fuqha w saqsiha "*x'ghamillek? X'ghamillek*?" ghax skond hi ried ikun jaf jekk ir-ragel sawwathiex. Missierha dak il-hin haseb illi zewgha kien weggaghha. Spjegat illi dakinhar lil Michael u lit-tfal sakkruhom f'kamra ohra. Tghid li naturalment missiehra kien panikuz dakinhar u li aktar tard mar huha. Kompliet li dakinhar fil-fatt lanqas marret id-dar, marret torqod ghand missierha w sussegwentement ghamlet xi xahar toqghod ghand huha. Tghid li wara marret toqghod fir-residenza taghhom tas-sajf fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar, flimkien mat-tifel u t-tifla li llum il-gurnata ghandha wiehed u ghoxrin (21) sena pero' dak iz-zmien kienet se taghlaq sittax-il (16) sena. Cahdet li kien missierha li qala' l-incident gewwa l-Ghassa w ziedet li missierha ppanikkja ghaliex haseb illi zewgha kien sawwatha. Gie moqri lilha r-rikors li kienet ipprezentat fid-dsatax (19) ta' April, 2011 fl-atti tal-kawza 1295/10AGR. Tghid li m'huwiex minnu li kien missierha li qajjem panigierku fl-Ghassa. Hija marret l-Ghassa ghaliex bezghet u marret l-Ghassa taghmel rapport u waqt li kienet hemm hi ma kienx hemm twerzieq u ghajjat ghax kienet

wahedha fl-Ghassa. L-ewwel persuna li dahlet waqt li hija kienet qed taghmel rapport fl-Ghassa kien Michael u t-tfal. Il-Pulizija tal-112 ma kinux hemm, marru wara u fil-fatt dakinhar lil Michael qabduh u dahluh f'kamra ohra. Tghid li kienu ma kienx qed igib ruhu hazin ma kinux jaghmlu hekk. Taf li mbaghad waslu xi pulizija ohra fl-Ghassa.

Illi nhar il-5 ta' Frar, 2015 xehed **Dr. Kenneth Grima w** spjega li jiftakar li xi erba' (4) snin jew hames (5) snin ilu kienet marret ghandu l-imputata flimkien ma' missierha fuq kawza ghas-separazzjoni fejn kien hemm hafna glied bejn il-konjugi. Spjega li fil-fatt l-imputata kienet imwerwra. Fil-fatt ghamlet xi sentejn (2) tmur ghandu dejjem akkumpanjata minn missierha w spjega li sakemm telqet mid-dar u marret tirrisjedi wahedha kienet imwerwra u dejjem kienet tigi akkumpanjata. Lilu kienet irrapportatlu li kien sehh dan l-incident. Spjega li effettivament l-imputata kienet tmur ghandu darba fil-gimgha jekk mhux aktar. Qal illi fil-fatt ghamel xi xahrejn jew tlieta jipprova jikkoltiva separazzjoni bonarja bejniethom. Spjega li kien hemm tifel zghir, kellu xi tmien (8) snin li kien qed jghix m'ommu w it-tifla taghha li kellha xi sittax-il (16) sena. Jghid li l-imputata dak iz-zmien ma kellhiex relazzjoni tajba ma' bintha w din kienet qed izzomm ma' missierha. Meta huwa kien kiteb sabiex jaraw kif kienu ha jaqsmu l-komunjoni kien baqa' bla risposta u llum fil-fatt is-separazzjoni hi wahda bbazata fuq dak li kien kiteb hu erba' (4) snin ilu. Is-sitwazzjoni aggravat ruhha tant li waqt li kienu ghadhom fil-*mediation* jew sahansitra meta kienet

ghadha lanqas bdiet il-perizja, kien hemm rikors prattikament kull xahar, fis-sens li huwa xtaq jiehu t-tifel u dan ghaliex kien ikun hemm hafna allegazzjonijiet fil-konfront taghha li hija panikuza u affarijiet bhal dawn. Sussegwentement sar ir-rikors ghall-manteniment tat-tifel u wara dan kollu ma felhitx iktar u qabdet u telqet mid-dar. Jghid li kien hemm incidenti ta' spiss u allura waqt li qed isiru dawn l-incidenti u hija telqet mid-dar ghax bdiet tibza', r-ragel kien jaghmel ir-rikorsi biex ikollu aktar access jew jiehu l-kustodja tat-tifel, u naturalment kull darba li jsir rikors issir risposta ghalih u spjega li hafna drabi r-rikors tieghu kien ikun bil-gurament u d-digriet kien ikun *in camera*. Allura hu kien ta l-parir lill-imputata illi peress li r-rikors tieghu kien ikun bil-gurament, kien ikun ahjar li r-risposta taghha wkoll tkun bil-gurament. Jghid li naturalment meta kienet tmur tkellmu l-klijenta kienet taghtih l-interpretazzjoni taghha ta' dak li kien qed isir, izda spjega li l-format tar-rikors kien ikun tieghu mhux tal-klijenta. Huwa kien jinterpreta dak li kienet tghidlu l-klijenta. Spjega li dak iz-zmien dejjem kien ikun hemm missierha w huha w gieli l-mara ta' huha wkoll maghha, w dan ghaliex huma familja maghquda. Ikompli li fil-fatt l-imputata tant kellha biza' li ftit li xejn kienet titkellem u lilu kienet qaltlu li dakinhar hija kienet issakkret fil-kamra tal-banju u r-ragel taghha kien qed jipprova jidhol u hija tant bezghat li cemplet lill-112 ghall-ghajnuna.

Jghid li naturalment x'qalet lill-112 huwa ma jafx ghax ma kienx hemm, pero' jghid li jista' jkun li meta ghamel ir-rikors

qal li ssawtet mir-ragel u mhux li kienet ser tissawwat mir-ragel, pero' ma jiftakarx ezatt. Li jaf zgur hu li r-rikors ifformulah hu. L-istess jghid dwar meta marret l-Ghassa. Jekk effettivament kienx hemm zewg (2) pulizija jew tlieta (3) huwa ma jafx ghax ma kienx hemm. Jaf zgur li l-imputata qaltlu li meta waslet l-Ghassa tal-Pulizija hija bezghat, li fil-fatt tant hu hekk li marret l-Ghassa bil-*pyjama* u bezghat mir-ragel li kien qed jigri warajha tant li sahansitra anke mar ghaliha l-Ghassa. Qaltlu li kien hemm mara pulizija wara d-*desk* u hi kienet qed tirrapportalha dak li kien gara, mbaghad jaf li qaltlu li dahal ir-ragel taghha bit-tfal. Peress li t-tifel kien ghadu zghir kaxkru mieghu u beda jghajjat u jwerzaq tant li hija bezghat u dahlet wara l-bank mal-pulizija. Qaltlu wkoll li mbaghad aktar tard dakinhar stess marru l-pulizija tal-112 u mbaghad mar missierha. Issa jekk marrux tal-112 qabel missierha jew wara llum-il gurnata nesa. Jaf ukoll li prezenti kien hemm huha Elton. Spjega li effettivament kienet saret ukoll kawza fil-konfront ta' Elton Penza ghax kien ghamel hafna ghajjat fl-Ghassa. Ikkonferma li kien prezenti meta dan xehed u ammetta li verament beda jghajjat ghaliex huwa haseb li meta kien se jasal l-Ghassa se jsib lil ohtu bid-daqqiet u ghalhekk beda jghidilha: "*missek, missek jew weggajt?"* Hu ammetta li beda jghajjat u jwerzaq u mbaghad jaf li l-pulizija kkwitawh, harguh barra w safejn jaf hu l-incident spicca. Jaf ukoll li kellu xi akkuzi li ma obdiex l-ordni legittima tal-pulizija u li ghamel storbju fl-Ghassa.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza w dan fis-seduta tat-30 ta’ Lulju, 2015 fejn ukoll talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:-**

Illi din il-kawza hija bazata fuq akkuza wahda w cioe’ dik ta’ gurament falz fi proceduri civili ai termini ta’ l-**Artikolu 106 tal- Kap. 9** tal-Ligijiet ta’ Malta, w cioe’ r-reat ta’ spergjur fi proceduri civili.

II-Qorti hawnhekk qabel xejn tirrileva li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, waqt li d-Difiza trid ripprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita’. F'dawn il-kazijiet fejn ix-xhieda li qed ssir referenza ghaliha ma ttehditx bil-miktub, ma jfissirx li ma tikkostitwixxix prova, kif donnu allega l-Avukat Difensur, u dan ghaliex il-Qorti ma tkunx tista’ tikkontrollaha. Izda l-Ligi tezigi, sabiex wiehed jinstab hati ta' xhieda falza f'gudizzju kriminali, li l-Qorti jkollha l-provi konkludenti w konvincenti ta' dak li l-imputata tkun xehdet jew stqarret u tal-falsita’ ta' dak li tkun xehdet flimkien max-xjenza fiha ta' dik il-falsita’.

Fir-reat ta’ spergur, mhux bizzejjed li x-xhieda tkun kontradetta minn xhud wiehed biss, izda hemm bzonn ta’ korroborazzjoni.

Il-Qorti, ghalkemm enuncjat dan il-principju generali, thoss li ghandha taghti tifsira ta’ x'jikkostitwixxi gurament falz. Il-Ligi taghna ma taghtix tifsira jew ahjar definizzjoni ezatta ta' x'jikkostitwixxi gurament falz. Pero’ biex jissussisti r-reat ta' spergur fi proceduri civili, jridu jezistu jew ahjar jikkonkorru flimkien erba’ elementi w cioe’:-

1. xhieda moghtija fi procedura civili;

2. moghtija taht gurament moghti skond l-Ligi minn awtorita’ kompetenti;

3 li tali xhieda hija falza f'materja partikolari u li affettwat id-decizjoni tal-gudikant; u

4. l-volonta’ konxja tal-falsita’ f'tali xhieda.

I1-Kodici taghna ma janalizzax l-element tal-falsita’ pero’ jekk
naraw il-Ligi Taljana fuq dan il-punt, insibu li **Antolisei** a fol. 845 tal-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale (pt. 11 speciale)*** jghid "*Commette questo delitto (i.e. falsa testimonianza)colui che deponendo come testimone inanzi all'autorita’ giudiziaria, afferma il falso o nega il vero ovvero*

*tace, in tutto o in parte, cioe' che se intorno ai fatti sui quali e interrogato.*"

Ghalhekk jiehu gurament falz kull min jikkonferma l-falz jew jinnega l-verita'.

Huwa importanti pero' li dan isir b'mod volontarju w bil-konsapevolezza kollha. Jigifieri li huwa importanti li jigi ppruvat - apparti l-falsita attwali, u possibilita' ta' hsara lill-amministrazzjoni tal-gustizzja - jrid jigi ppruvat *l-mens rea* li x-xhud qed jghid il-falz. Minghajr tali intenzjoni kriminali, ma jistax jinghad li x-xhud xehed falz.

Issa jirrizulta, fil-kaz in desamina, qabel xejn li effettivament l-imputata ma tat l-ebda xhieda falza w lanqas ma pprezentat xi affidavit, kif propost fis-sub-inciz tal-**Artikolu 106 tal-Kap 9**. Qed jigi allegat li pprezentat rikors u risposta fejn skond il-kwerelant hemm il-falz. Jinghad li ghalkemm tali dokumenti m'humiex xhieda fis-sens ta' xhieda *viva voce*, izda xorta huma dokumenti li jikkontjenu deskrizzjoni guramentata ta' dak li allegatament gara, w ghalhekk fit-termini ta' dan l-artikolu xorta dak li ntqal u gie guramentat minnha jammonta ghal xhieda, fit- tifsira tal-Ligi.

Jinghad pero' li huwa minnu li kien hemm incident fid-dar matrimonjali qabel ma l-imputata marret l-ghassa tirraporta, tant li anke l-kwerelant spicca l-ghassa. Illi huwa minnu li l-imputata kienet imwerwra w liebsa bil-pigama meta marret l-ghassa, w li qaghdet wara l-bank taghmel ir-rapport taghha ta' dak li kien gara. Li huwa veru li zewgha Michael Baldacchino mar l-ghassa w spicca appartat go kamra. Illi huwa minnu li kien hemm paniku, tant li l-*orderly* kienet cemplet lis-Surgent tliet (3) darbiet f'terminu t'ghaxar minuti. Illi huwa minnu li kien hemm numru ta' pulizija l-ghassa, pero' mhux erbgha izda tlieta. Illi ghalhekk dak li qalet l-imputata fir-rikors taghha formulat minn Dr. Kenenth Grima, kif *del resto* stqarr hu stess, seta' ma kienx ezatt, u cioe' li Dr. Grima ma rraportax bi precizjoni dak li effettivament sehh stante li l-klijenta tieghu kellha *panic*. Zgur li ma jistax jinghad li hija qalet il-falz jew li kellha l-*mens rea* li tixhed il-falz. Jista' jkun li forsi ma kinitx ezatta fid-deskrizzjoni ta' dak li gara l-ghassa, pero' zgur li l-inezatezzi li jistghu jirrizultaw huma *de minimis* u zgur li ma jista' qatt ikollhom xi effett fuq il-gudizzju li kellu jinghata a bazi ta' dak ir-rikors u risposta.

Il-Qorti thoss li tali fatti kif rapportati fir-rikos u risposta mhix falsita' f'materja partikolari w li ma giex provat li effettivament affettwat id-decizjoni tal-gudikant, u addirittura lanqas ma tirrizulta l-volonta' konxja tal-falsita' f'tali xhieda.

**Ghalhekk din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 106 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li ma ssibx lill-imputata RUTH MARY BALDACCHINO hatja w tilliberaha minn kull akkuza.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**